MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 138/2011

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ta' XXX pprezentat fis-7 ta' April 2009 permezz ta' liema jitlob li ghar-ragunijiet minnu moghtija l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interi)] fil-konfront tieghu ghas-sena ta' stima 2002 tigi ikkancellata;

Ra l-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju datat 4 ta' Marzu 2009 u d-Dokument A anness mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 7 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li ghar-

ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu ta’ l-4 ta’ Marzu 2009, il-likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta’ stima 2002 hija gusta u timmerita konferma;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent u ta’ martu XXX esebiti permezz ta’ Nota ipprezentata fit-28 ta’ Gunju 2011 a fol. 17 sa’ 21 tal-process, ra l-affidavit ta’ George Borg flimkien mad-dokumenti annessi mieghu esebiti permezz ta’ Nota ipprezentata fit-3 ta’ Novembru 2011 a fol. 24 sa’ 68 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ XXX moghtija waqt is-seduti ta’ l-24 ta’ Jannar 2012 u tas-17 ta’ Mejju 2012 , ix-xhieda in kontro-ezami tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tas-27 ta’ Marzu 2012 u tas-17 ta’ Mejju 2012, ix-xhieda ta’ George Borg moghtija waqt is-seduti tas-17 ta’ Mejju 2012 u tal-5 ta’ Lulju 2012 u x-xhieda ta’ Monica Borg Grech u George Borg moghtija waqt is-seduta tal-5 ta’ Lulju 2012;

Ra in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fid-9 ta’ Awwissu 2012 u in-Nota ta’ Sottomissjonijiet Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) ipprezentata fis-7 ta’ Settembru 2012;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stima mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] ghas-sena ta' stima 2002, liema stima essenzjalment tikkoncerna bejgh ta' proprjetà li huwa ghamel fl-2001. B'dik l-istima l-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] jippretendi hlas ta' €42,327 bhala taxxa ulterjuri fuq il-qligh li r-Rikorrent ghamel minn dak il-bejgh. Ir-Rikorrent jikkontendi li dik l-istima ghandha tigi kkancellata ghaliex mahruga fuq il-konsiderazzjoni zbaljata tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] li l-qligh li ghamel minn dak il-bejgh ta' proprjetà fl-2001 kien *income* ta' natura kummercjali u mhux qligh kapitali, kif fil-

fatt kien u kif minnu ddikjarat fil-Prospett ta’ Taxxa ghas-sena bazi 2001/sena ta' stima 2002.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jikkontendi li l-istima mahruga kontra tieghu ghas-sena ta' stima 2002 hija korretta u tisthoqq li tigi kkonfermata peress illi kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent il-qligh li ghamel mill-bejgh ta' proprjetà fis-sena 2001 kien min-natura tieghu u min-natura tat-transazzjoni wiehed kjarament ta' natura kummercjali u ghalhekk soggett ghall-komputazzjoni tat-taxxa bhala *income* ta' natura kummercjali. Jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz ma huwiex qed jaccetta l-ispejjez fl-ammont ta’ Lm19,781, illum ekwivalenti ghal €46,077, dikjarati mir-Rikorrent fil-Prospett ta’ Taxxa ghas-sena bazi 2001/sena ta' stima 2002 ghall-fini ta’ deduzzjoni u dana billi naqas milli jressaq prova dokumentarja sodisfacenti in sostenn ta' tali spejjez.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija appuntu l-pretensjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) dwar l-ispejjez fl-ammont ta’ Lm19,781 reklamati mir-Rikorrent ghall-finijiet ta' deduzzjoni, u dana billi r-Rikorrent jikkontendi li din il-kwistjoni partikolari ma ghandhiex tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal in kwantu ma nghatatx bhala raguni ghac-cahda ta' l-oggezzjoni tieghu u konsegwenti konferma ta' l-istima mahruga kontrih.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu r-Rikorrent jikkontendi li *l-Kummissarju appellat irrefera wkoll ghall-fatt illi r-rikorrent ma pproduciex prova dwar l-ispejjez li thallsu lill-bennej fil-kostruzzjoni tal-bini. Din mhix wahda mill-kwistjonijiet li fuqha kienet giet deciza l-oggezjoni tar-rikorrent kontra l-istima. L-oggezzjoni kienet giet rifjutata biss ghar-raguni li l-Kummissarju deherlu li l-qligh tar-rikorrent kien qligh minn negozju u dan l-appell huwa appell minn dik id-decizjoni. Ghalhekk, una volta jigi deciz, kif qed jintalab li jigi deciz, li l-qligh kien qligh ta' natura kapitali, id-decizjoni tal-Kummissarju ghandha tigi revokata u ghandha tintlaqa', minflok, l-oggezzjoni tar-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ma ghandux ikun*

*mistenni illum li jaghti spjegazzjoni u dokumentazzjoni dwar spejjez li saru hdax-il sena ilu*[1]*.*

Da parte tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li din is-sottomissjoni tar-Rikorrent ghandha tigi skartata minn dan it-Tribunal u l-kwistjoni ta' l-ispejjez fl-ammont ta’ Lm19,781 reklamati mir-Rikorrent fil-Prospett ta’ Taxxa tieghu ghall-finijiet ta' deduzzjoni tigi debitament ikkunsidrata ghall-finijiet ta' dan l-appell ghaliex *kien zball tal-pinna li huwa naqas milli jsemmi l-fatt li kien qed jirrifjuta parti mill-ispejjez mitluba bhala deduzzjoni u dan jidher car fl-ammont ta' "taxxa dovuta" riflessa fl-istess Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 4 ta' Marzu 2009 u dwar liema ammont gie intavolat dan l-appell. ... dan in-nuqqas rigward ir-raguni ghar-rifjut kif dikjarata fl-Avviz ta' Rifjut ma jezonerax lill-appellant milli jgib il-provi necessarji sabiex isostni dak li qed jallega dwar id-dhul taxxabbli tieghu ghas-sena ta' stima 2002, u li dan jinkludi spjegazzjoni dettaljata u dokumentata dwar id-deudzzjonijiet mitluba minnu rigward l-ispejjez li hu qal li ghamel fil-Komputazzjoni tal-Qligh Kapitali li giet annessa minnu mal-Formola tat-Taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2002*[2].

It-Tribunal ikkonsidra s-sottomissjonijiet rispettivament avvanzati mill-partijiet kontendenti dwar din il-kwistjoni u huwa tal-fehma li l-iskuza ta' *zball tal-pinna* avvanzata mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) bhala gustifikazzjoni ghan-nuqqas li jsemmi n-nuqqas ta' accettazzjoni da parte tieghu ta' l-ispejjez reklamati mir-Rikorrent ghall-finijiet ta' deduzzjoni bhala raguni ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni u konferma ta' l-istima mahruga kontra r-Rikorrent, hija wahda semplicistika izzejjed u konsegwentement ghalhekk insostenibbli.

Ir-Rikorrent kien ibbaza l-oggezzjoni tieghu mill-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2002 fuq zewg punti: fl-ewwel lok li l-bejgh tal-proprjetà ma kienx intiz bhala negozju kummercjali izda

[1] Para. 11 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

[2] Para. 10 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

huwa ried, minhabba cirkostanzi partikolari marbuta mal-proprjetà, jehles minnha **u** fit-tieni lok li l-Kummissarju ingustament u b' mod ghal kollox kontra dak dispost fl-Artikolu 19(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, kien qed jippretendi minghandu in konnessjoni ma' l-ispejjez minnu reklamati ghall-finijiet ta' deduzzjoni, dokumentazzjoni li tmur lura iktar minn ghoxrin sena[3]. Permezz ta' Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju datat 4 ta' Marzu 2009, ir-Rikorrent gie infurmat li *l-oggezzjoni tieghek giet ikkunsidrata imma l-Kummissarju ma jistax jilqaghha ghar-raguni li l-bejgh ta' proprjetà kien ta' natura kummercjali u mhux kapitali*[4].

Minn dan l-avviz johrog car li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni cahad l-oggezzjoni tar-Rikorrent u kkonferma l-istima mahruga kontrih ghas-sena ta' stima 2002, esklussivament fuq ir-raguni li ***l-bejgh ta' proprjetà kien ta' natura kummercjali u mhux kapitali*** u fuq ebda raguni ohra. Konsegwentement ghalhekk ir-Rikorrent, ghaliex hekk biss seta' jaghmel, appella minn dik id-decizjoni abbazi tar-raguni moghtija mill-Kummissarju u t-Tribunal ma jqisx li jkun gust u lanqas guridikament korrett li f'dan l-appell tigi trattata allegata motivazzjoni ohra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi interni), ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni u konferma ta' l-istima mahruga kontra r-Rikorrent li ma gietx minnu espressament indikata fl-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni.

Huma principji già diversi drabi enuncjati f'kuntest ta' decizjonijiet ta' natura fiskali li huwa dritt tac-cittadin li jkun jaf fuq liema kriterji u fuq liema bazi ta' ragunament id-decizjoni mehuda kontrih giet milhuqa **u** li min ikun qed jiehu dik id-decizjoni, f'dan il-kaz il-Kumissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jaghti imqar hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun ibbaza d-deizjoni tieghu.

F'tali rigward fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Qorti ta' l-

[3] Dok. Q a fol. 63 tal-process.
[4] Fol. 5 tal-process.

Appell (Appelli dwar l-Income Tax) fl-4 ta' Marzu 1992[5] inghad illi *huwa veru li fil-kamp amministrattiv, anki meta si tratta ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni kwazi giudizzjarja, l-awtorità kompetenti mhix marbuta, u wiehed ma jistennix minnha, li timxi bl-istess procedura li l-Ligi timponi fuq il-Qrati ordinarji. Dan però qatt ma fisser, la taht id-Dritt Pubbliku Ingliz u anqas taht taghna, li l-amministrazzjoni fejn qed tiehu decizjonijiet kontestati mic-cittadin ghandha d-dritt li tinjora l-principju ta' gustizzja naturali. Dan il-principju gie diversi drabi ribadit minn din il-Qorti in materja ta' "judicial review" ta' decizjonijiet ta' tribunali amministrattivi, izda m'hemmx dubju li ghandu jigi osservat ukoll f'kull kamp ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni ta' l-amministrazzjoni meta din tagixxi fi kwalità kwazi giudizzjarja. F' Sciberras v. Housing Secretary (21/07/73) l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet, wara snin ta' titubanzi fir-rigward ta' safejn il-Qrati ordinarji jistghu jinvestigaw l-operat ta' l-Amministrazzjoni, stabbiliet dan il-principju b'mod car u din il-Qorti ma tezitax, anqas ghal mument wiehed biss, milli tiddikjara l-adezjoni taghha mieghu minghajr ma thoss il-htiega li toqghod tara x'qalu u x'jahsbu l-Qrati Inglizi jew l-awturi fuq id-Dritt Amministrattiv u Kostituzzjonali Ingliz fir-rigward. Jizdied biss li illum anki fil-kamp Ingliz huwa accettat il-principju li l-kuncett ta' gustizzja naturali ma ghandux jigi ristrett biss ghaz-zewg massimi ta' audi alteram partem u nemo judex in causa propria, izda ghandu jigi applikat estensivament biex jinkludi wkoll, inter alia, id-dritt tac-cittadin li jkun jaf fuq liema kriterji u fuq liema bazi ta' ragunament id-decizjoni mehuda kontrih tkun giet milhuqa. Din il-Qorti thossa konvinta li jekk il-fondatezza ta' dan il-principju hija cara bizzejjed anki fuq bazi ta' principji bazici ta' gustizzja naturali, l-istess hija lampanti f'kazijiet bhal dak prezenti fejn ic-cittadin ghandu dritt jappella quddiem tribunal kostitwit b'ligi bhalma hu l-Bord ta' Kummissarji Specjali* [illum sostitwit b'dan it-Tribunal kostitwit bis-sahha ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta) *ghaliex jekk ic-cittadin anqas ma jkun jaf fuq liema bazi ttiehdet id-decizjoni kontrih, kif ser ikun jista' jimmotiva l-appell tieghu?* [6] *Stabbilit dan, din il-Qorti*

[5] Kawza Nru.160 – Decisions of the Court of Appeal, Vol.4 p. 369 sa' 374.
[6] Sottolinear tat-Tribunal.

*taghmilha cara wkoll li <u>fl-ipprocessar ta' objection u d-decizjoni relattiva li biha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiddeciedi li ma jilqax l-istess li ghandha tigi kkomunikata lit-tax payyer, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bla dubju ta' xejn ikun qed jagixxi fi kwalità kwazi-gudizzjarja. Isegwi ghalhekk li l-principju msemmi ghandu jigi osservat minnu skrupolozament</u>[7].*

Dan l-istess principju gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008[8], fejn inghad illi *in linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda semplicement amministrattiva. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b'mod approfondit, jipprovdi r-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni jkun jista' jigi edott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni. Ara, b' ezemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "Anthony Ellul Sullivan nomine -vs- Lino C. Vassallo et nomine", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar", Appell, 19 ta' Novembru 2001 u "Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F' dawn is-sentenzi kollha, u bosta ohrajn ta' l-istess portata, il-Qrati issenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem", ghal liema tikkollega ruhha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni", 4 ta' Marzu 1992, citata mill-Bord. Dan premess, ma jidherx li jista' jigi negat illi l-Kummissarju appellat ghandu, skond il-ligi, poteri ta' "quasi judicial*

[7] Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Kawza Nru. 231 – Decisions of the Court of Appeal, Vol.6 p.285 sa' 293.

*discretion". Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-Avviz ta' oggezzjoni mit-taxpayer hu jagixxi qisu qorti u dan jobbligah li f' kaz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni sottomessa lilu huwa ghandu jaghti r-raguni li tkun wasslitu ghal dik id-decizjoni tieghu. Huwa ghandu, fi kliem iehor, jforni dik ir-raguni li tqieghed in riljev dak li hu necessarjament sufficjenti biex jikjarixxi u jissorreggi r-ratio tad-decizjoni tar-rifjut tieghu. Is-sens komuni u r-regola ta' gustizzja naturali fuq accennata certament jesigu illi t-taxpayer ghandu jitqieghed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tieghu fl-appell lil Bord u, l-aktar, ghall-fini li fil-fazi processwali quddiem dan l-istess Bord, ikun f' qaghda li jiddizempenja ruhu kif jixraq mill-piz gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju ghandha titwarrab ghax hi eccessiva jew ghal xi motiv legali iehor[9]. Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istharrig, anke wiehed kwazi-gudizzjarji, ikun supplit bir-rekwizit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun wahda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jigi sottolinejat illi, wisq ragonevoli, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min ghandu jiggudika mhux tenut jikkonfuta l-argomenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jaghti hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tieghu. Dan tghidu wkoll is-sentenza fl-ismijiet "Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Id-dottrina procedurali tinsenja illi, implicitament, ic-cirkustanzi u r-riljievi l-ohra li setghu gew sollevati, ankorke ma jigux specifikament imsemmija, ghandhom logikament jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata*.

Natrualment it-Tribunal mhux qed jghid li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li biha rrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrent u kkonferma l-istima mahruga kontrih ghas-sena ta' stima 2002 hija nieqsa minn kull motivazzjoni. Li qed jghid huwa li llum fil-kuntest ta' dan l-appell, id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma jistax jikkontendi li dik l-istess decizjoni kienet ibbazata fuq raguni ulterjuri, ghad illi mhux imsemmija fid-decizjoni tieghu, u jippretendi li din

[9] Sottolinear tat-Tribunal.

ghandha tigi ikkunsidrata mit-Tribunal u addirittura li l-appell tar-Rikorrent jigi michud in bazi taghha wkoll. Dana japplika iktar u iktar meta dik ir-raguni ulterjuri li fuqha d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jghid li huwa bbazat ir-rifjut imsemmi skontu tissussisti indipendentment mill-fatt jekk il-qligh li ghamel ir-Rikorrent mill-bejgh tal-proprjetà fl-2001 jigix ikkunsidrat bhala qligh ta' natura kummercjali jew qligh ta' natura kapitali: *id-Direttur Generali jikkontendi li dan in-nuqqas rigward ir-raguni ghar-rifjut kif dikjarata fl-Avviz ta' Rifjut ma jezonerax lill-appellant milli jgib il-provi necessarji sabiex isostni dak li qed jallega dwar id-dhul taxxabbli tieghu ghas-sena ta' stima 2002, u li dan jinkludi spjegazzjoni dettaljata u dokumentata dwar id-deduzzjonijiet miltuba minnu rigward l-ispejjez li hu qal li ghamel fil-Komputazzjoni tal-Qliegh Kapitali li giet annessa minnu mal-Formola tat-Taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2002*[10].

It-Tribunal josserva wkoll illi ghalkemm id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jissottometti li n-nuqqas da parte tieghu li jsemmi bhala raguni ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni tar-Rikorrent il-fatt li ma kienx qed jaccetta l-ispejjez ammontanti ghal Lm19,781 reklamati mill-istess Rikorrent ghall-finijiet ta' deduzzjoni kien zball tal-pinna[11], l-istess Direttur Generali ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan. Huwa veru li ai termini ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta *l-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva jkun ta' l-appellant* izda, b'daqshekk ma jfissirx li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) huwa ezonerat milli debitament jipprova l-affermazzjonijiet minnu avvanzati waqt il-process kollu li jinvolvi lit-*tax payer*, inkluz ghalhekk il-proceduri quddiem dan it-Tribunal. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-23 ta' Mejju 2008[12], una volta li r-Rikorrent jirnexxielu jipprova kwistjoni partikolari imqar *prima facie* jinkombi fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), li jikkuntrasta u

[10] Para. 10 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).
[11] Para. 9 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).
[12] Kawza 229, Decisions of the Court of Appeal, Vol. 6 pg 268 sa' 274 tal-process.

jissupera dawk l-elementi indizzjarji suppliti mid-dokumentazzjoni tat-*tax payer*.

Fil-kaz in ezami mill-Avviz ta’ Rifjut ta’ l-Oggezzjoni mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess esebit mir-Rikorrent flimkien mar-Rikors ta’ l-Appell tieghu[13], johrog b’mod car li r-rifjut huwa bbazat fuq raguni wahda biss u din ir-raguni hija li *l-bejgh ta’ proprjetà kien ta’ natura kummercjali u mhux kapitali*. Stabbilit dan il-fatt da parte tar-Rikorrent jispetta lill-Direttur Generali (Taxxi Interni) li jipprova li in-nuqqas da parte tieghu li fl-imsemmi Avviz jindika r-raguni ulterjuri ghar-rifjut ta’ l-oggezzjoni u konferma ta’ l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghas-sena ta’ stima 2002 kien zball tal-pinna, prova din li kif già iktar ‘l fuq osservat ma saritx.

Ghalhekk minn dan kollu appena osservat jirrizulta li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma jistax fil-kuntest ta’ dan l-appell jadduci raguni ulterjuri ghar-rifjut ta’ l-oggezzjoni tar-Rikorrent u ghall-konferma ta’ l-istima mahruga kontrih ghas-sena ta’ stima 2002 u jippretendi li l-istess tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta’ l-appell intavolat mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta’ l-4 ta’ Marzu 2009. L-unika kwistjoni li tifforma il-bazi tad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta’ l-4 ta’ Marzu 2009 u konsegwentement il-meritu ta’ l-appell istitwit mir-Rikorrent minn tali decizjoni, kjarament hija n-natura tal-qligh li r-Rikorrent ghamel mill-bejgh ta’ proprjetà fl-2001, u cioè jekk tali qligh ghandux jigi kkunsidrat bhala qligh ta’ natura kapitali kif pretiz mir-Rikorrent jew inkella qligh ta’ natura kummercjali kif affermat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Qabel ma jittratta l-meritu proprio ta’ l-appell in ezami t-Tribunal jixtieq jiftah parentesi qasira peress illi jhoss li ghandu jikkritika u jiccensura lid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-sottomissjoni minnu avvanzata fil-para. 31 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet Responsiva tieghu, u dana ghalkemm tali sottomissjoni saret fil-kuntest tal-kwistjoni

[13] Fol. 5 tal-process.

ta' l-ispejjez reklamati mir-Rikorrent ghall-fini ta' deduzzjoni. Fl-imsemmi paragrafu tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tieghu id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li *fl-istadju ta' appell, l-esponent rega' talab lill-appellant sabiex jispjega din id-diskrepanza izda huwa insista li ma huwiex kapaci jaghti spjegazzjoni ta' dan minhabba li huwa kien ghadda d-dokumenti tieghu kollha lill-accountant tieghu stess u dan kien issottometta l-workings lid-Dipartiment. Minkejja dan, huwa oggezzjoni ghat-talba tad-Direttur Generali, hawn appellat, sabiex jtella' jixhed lill-accountant u jaghti spjegazzjoni ta' tali workings quddiem dan l-Onorabbli Tribunal*[14].

It-Tribunal iqis bhala ghal kollox inaccetabbli l-insinwazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-konfront tar-Rikorrent wara din is-sottomissjoni u dana billi r-Rikorrent in verità ma ghamel xejn ghajr li jusufruwixxi minn dritt moghti lilu bl-Artikolu 34(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola x-xhieda li jistghu jitressqu quddiem u konsegwentement jinstemghu minn dan it-Triubnal. Dana huwa l-istess dritt iid-Direttur Generali (Taxxi Interni) stess ripetutament jinvoka f'diversi proceduri pendenti quddiem dan it-Tribunal biex jopponi u jostakola l-produzzjoni ta' assessuri fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa ghall-fini li jixhdu dwar il-mod kif id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jkun wasal ghall-istima tieghu fil-konfront tat-*tax payer*. It-Tribunal ma jistax jifhem kif id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jippretendi li invokat u applikat minnu dak dispost fl-Artikolu 34(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jikkostitwixxi dritt, filwaqt li l-istess artikolu tal-Ligi invokat u applikat mit-*tax payer* jikkostitwixxi abbuz jew ostakolu ghall-gustizzja.

It-Tribunal jaghlaq din il-parentesi hawnhekk u jghaddi issa biex jittratta l-meritu ta' dan l-appell.

Kif jirrizulta b'mod car hafna mir-Rikors ta' l-Appell u min-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, l-istess Rikorrent jikkontendi li l-qligh li huwa ghamel mill-bejgh ta' proprjetà fl-2001 kien qligh ta' natura kapitali u mhux ta' natura

[14] Sottolinear tat-Tribunal.

kummercjali. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk isostni li l-istima mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta’ stima 2002 hija zbaljata u konsegwentement jippretendi li l-istess ghandha tigi kkancellata.

Fir-rigward fl-affidavit tieghu r-Rikorrent iddikjara li *jiena kont xtrajt bicca art f’Birzebbuga fl-1979, u fuqha bnejt dar u mort noqghod fiha mal-familja tieghi fl-1980. Fl-1982 kellna tragedja fid-dar tieghi, li fiha nqatlet marti. Jien ghaddejt guri u instabt hati ta’ l-omicidju ta’ marti u wehilt il-habs. Waqt li kont il-habs, sirt naf lil XXX Cachia, li kienet kuntistabbli tahdem il-habs. Jien hrigt mill-habs fl-1988 u izzewwigt lil XXX, u morna noqghodu fid-dar tieghi Birzebbuga. Minn dan it-tieni zwieg kellna tliet itfal, li llum ghandhom 20, 18 u 16-il sena, u li ghadhom joqghodu maghna. Wara l-mewt ta’ l-ewwel mara tieghi, jien qsamt il-beni konjugali maz-zewgt itfal li kelli mill-ewwel zwieg. Marti XXX harget il-flus biex stajna nixtru n-nofs indiviz tad-dar tar-residenza u b’hekk dik id-dar ghaddiet kollha f’isimna. Bqajt noqghod Birzebbuga ma’ marti XXX sa’ l-1996. Izda marti qatt ma kienet kuntenta tghix hemm, kemm minhabba t-tragedja li kienet saret f’dik id-dar u kif ukoll minhabba li d-dar kienet issibha kbira wisq ghalina. Ghalhekk bdejna infittxu post izghar u ppruvajna nbieghu d-dar ta’ Birzebbuga. Bdejna nippruvaw inbieghu d-dar ghall-habta ta’ l-1992 izda ma sibnix minn ried jixtriha. Xi zmien qabel l-1996 xtrajna bicca art Hal Safi u bnejna dar u morna noqghodu fiha f’Dicembru 1996. Sadanittant bqajna nippruvaw inbieghu l-post ta’ Birzebbuga izda fl-ahhar irrealizzajna li minhabba l-istorja ta’ dik id-dar, hadd ma ried jixtriha. Ghalhekk iddecidejna li nwaqqughha u ntellghu bini gdid flokha. Qabbadt bennej, li waqqa’ d-dar u flokha bena blokk ta’ sitt flats u zewg garagijiet kbar. L-ispiza ghal dan ix-xoghol telghet ghal Lm29,000. L-anqas f’dak l-istadju, ma sibniex il-bejgh tal-post taghna. Izda fl-ahhar sibt zewg kuntratturi li xtraw il-blokk shih fl-2001 ghal Lm80,000. Nikkalkula li l-prezzijiet tas-suq dak iz-zmien kienu xi Lm20,000 kull flat u Lm20,000 kull garage. Izda jiena kont naf li mhux se ngib dawk il-prezzijiet u bghett kollox bil-prezz ta’ Lm80,000 u cioè, nofs il-prezz tas-suq, ghax l-intenzjoni tieghi kienet li nehles mill-post*

*darba ghal dejjem. ... Nenfasizza li meta kont xtrajt l-art Birzebbugia xtrajtha ghar-residenza tieghi u mhux biex nerga' nbieghha. Gejt bzonn li nbieghha wara hafna snin minhabba li mort noqghod Hal Safi fic-cirkostanzi li semmejt. Kelli inwaqqaghha u nibni bini gdid fuq l-art mhux ghax kont qed ninnegozja fil-proprjetà imma ghax dak kien l-uniku mezz li bih stajt ingib il-valur ghall-proprjetà li kelli*[15].

Dak iddikjarat mir-Rikorrent fl-affidavit tieghu dwar ic-cirkostanzi li wassluh biex jittrasferixxi l-proprjetà fl-2001 gie minnu kkonfermat in kontro-ezami waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2012 u ulterjorment ikkoroborat minn martu XXX fl-affidavit taghha[16] kif ukoll fix-xhieda in kontro-ezami li tat waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2012.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontrapponi dak affermat mir-Rikorrent u martu XXX bix-xhieda ta' George Borg imressqa permezz ta' affidavit u xhieda *viva voce* waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2002, u b'diversi dokumenti esebiti flimkien ma' l-affidavit[17] fosthom zewg Formuli ta' Aggustament iffirmati mir-Rikorrent u martu, wahda datata 2 ta' Marzu 2007[18] u l-ohra sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-17 ta' Settembru 2007[19]. Mill-provi minnu imressqa u mis-sottomissjonijiet avvanzati jirrizulta li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) qed jibbaza l-pretensjoni tieghu li l-qligh li ghamel ir-Rikorrent mill-bejgh ta' proprjetà fl-2001 kien ta' natura kummercjali u mhux ta' natura kapitali fuq il-fatt li l-proprjetà mibjugha mir-Rikorrent fl-2001 kienet tikkonsisti f'blokk ta' sitt appartamenti u zewg garages, li skontu huwa indikattiv ta' l-intenzjoni ta' l-istess Rikorrent li jaghmel negozju mit-trasferiment ta' dan l-immobbli. Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi wkoll li fl-ahhar mill-ahhar ir-Rikorrent kien accetta l-posizzjoni tad-Dipartiment dwar in-natura tal-qligh li ghamel mit-trasferiment ta' din il-proprjetà bl-iffirmar tal-Formola ta' Aggustament datata 2 ta' Marzu

[15] Fol. 18 u 19 tal-process.
[16] Fol. 21 tal-process.
[17] Fol. 25 sa' 68 tal-process.
[18] Dok. F a fol. 40 u 41 tal-process.
[19] Dok. O a fol. 57 sa' 59 tal-process.

2007 waqt il-kors ta’ l-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tieghu.

Fil-Formola ta’ Aggustament datata 2 ta’ Marzu 2007 ir-Rikorrent aggusta d-dikjarazzjoni tieghu dwar dhul minn sengha/negozju minn kif maghmula fil-Prospett ta’ Taxxa ghas-sena ta’ stima 2002 fis-sens illi minn dhul 0 aggustah ghal dhul ammontati ghal Lm55,957. Wara dik id-dikjarazzjoni r-Rikorrent issottometta Formola ta’ Aggustament ohra – sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-17 ta’ Settembru 2007 – li biha mill-gdid aggusta d-dikjarazzjoni tieghu ghad-dhul minn sena/negozju matul is-sena 2001 billi naqqas l-ammont ta’ Lm55,957 ghal Lm14,799. Ghalkemm id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li b’dawn il-Formoli ta’ Aggustament – partikolarment dik datata 2 ta’ Marzu 2007 – ir-Rikorrent gie li accetta l-posizzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ir-Rikorrent jikkontendi li hu u martu ffirmaw dawn il-Formoli minhabba pressjoni li kienet qed tigi ezercitata fuqhom mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Fir-rigward ta’ dan XXX, mart ir-Rikorrent, tiddikjara li *kienet baghtet ghalina wahda ma nafx x’jisimha tat-taxxa u nsomma u baghtet ghar-ragel mhux ghalija u jien ir-ragel peress li ma jafx jaqra u jikteb, mort mieghu jiena u din insomma qed tispjegalna xi taxxa, ghidtilha jiena jidhirli li ghandna kollox sewwa, ghidtilha ghax dik is-sena, is-soltu gieli kont nimlijielu jien il-karta ta’ l-income tax imma meta jiena dan il-process, ghidtlu jiena ma nafx nimla din il-kwalità ta’ karta ta’ l-income tax, l-unika haga li nqabbdu accountant u jaghmlilna kollox sewwa. Issa din qaltli li ghandha naghtu tant insomma, ghidtilha ma jistax ikun, jien tant hadt xokk kbir jiena li kellna naghtu li qisni bdejt nikkonfondi u dan u hasni hazin u sadanittant gie iehor maghha minn ufficcju iehor, gie joffrili l-kafe, imbaghad sadanittant qaltli, Sinjura qaltli, dak ghadu mhux kollox, billi tak dak il-hass hazin, qaltli ghax il-kbir ghadu gej, ghidtilha mela x’baqa’ aktar kbir? Qaltli ghax bl-imghaxijiet, qaltli, uh kemm telghu izjed, ghedtilha mela x’inhi Sinjura li kemm telghu jien? U semmietli xi hamsa u erghin elf, ma’ nafx kemm kien. Jiena bi tlett itfal zghar, ir-ragel kien invalid, x’jibqa fik? Qaltli u hassni hazin u kienu*

*ser jehduni l-isptar. Dan il-guvni gie hawn, dan ir-ragel ma' nafx min hu, qalli isma' ara jekk naghmlu dikjarazzjoni, qaltli niftakar kien Frar, ghadni niftakar qisu lbierah, qalli fl-elezzjoni, ser issir elezzjoni, ma nafx ta' xiex jekk hux tal-kunsilli jew ta' xiex jew dan. Qalli jekk tiffirma din id-dikjarazzjoni, qalli thallas dan l-ammont ta' flus qisu qatt ma kien xejn. Ghedtlu imma l-ammont ta' flus li qed titlobni ghedtlu jien m'ghandix. Qalli ara jekk tistax tisellifhom minghand xi hadd, qalli u, però sa' l-ahhar tax-xahar, sa' l-ahhar jew ma nafx xiex, tani data ta' Marzu, qalli jridu jkunu mhallsin biex jghaddi kollox, qalli l-bqija, qalli mbaghad ghal xejn. Jien qed nitkellem mar-ragel, bit-telfa lanqas naf x'jiena dan, qaltli ara jekk tiffirmalna hawn, qaltli jigu, tkun tista' tmur thallas u jigu mahfurin il-multi u ma' nafx xiex u dan, u tkun taht pressjoni anke issa ahseb u ara u ffirmajna. Mort ghand huti, ghidtilhom ghax taf inti l-kwistjoni li ghaddha minnha r-ragel u kelli, ghidtilhom ghamluli pjacir u ppruvaw igbruli naqra flus halli sadanittant ihallashom, ghidtilhom ghax hi qaltli l-imghaxijiet ser jibqghu jitilghu kuljum u jien kif jista' jkun bi tlett itfal zghar dan, sadanittant taf inti tibda tikkalma dan u cempilna l-accountant u dan qalli li x'jigifieri, qalli intom kollox sew ghandkom fil-karta ta' l-income tax, ghidtlu le, ghidtlu, qalli, iffirmajtu xi haga, ghidtlu iva ghax geghluni niffirmaw. Gew tnejn, ghidtlu tlabna biex inkellmu l-kbir halli nghidulu l-kwistjoni, il-bejgh tad-dar ghal xiex kien u ghal xiex waqqajna d-dar u sebah u dalam ghax ahna ma kellna l-ebda intenzjoni li nwaqqghu d-dar u kif qed jghid is-sinjur ghax-proprjetà ohra. ... Qalli issa nitla' maghkom jiena, qalli ghax ahna ridna nkellmu l-kbir u tridu taghmlu appuntament u l-accountat u telalna l-accountant imbaghad. B'hekk giet din il-kwistjoni u rega' rriversjalna lura. Ahna din ifhimni l-firma, quddiem l-iskrivana go l-ufficcju, kien ufficcju kbir niftakar, kien hemm xi sitt imwejjed u kien hemm skrivana wahda biss hemm. Hi geghlitna niffirmaw u meta gie l-iehor u huma ghamlulna l-pressjoni biex niffirmaw. Ahna ma kellna l-ebda intenzjoni ghax ghidtilha hemm ghalfejn, taghtini cans naqra ta' xiex qed niffirma u qalli le din biex inregghu kollox lura. Ghidtlu allura inti ma tiffirmax jekk dan biex tregga kollox lura?*[20]

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2012.

Da parte tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) ressaq bhala xhud lil Monica Bonnici Grech, il-persuna li kienet tittratta mar-Rikorrent waqt il-kors ta' l-investigazzjoni fil-konfront tieghu, li cahdet li kien hemm xi forma ta' pressjoni ezercitata fuq ir-Rikorrent u fuq martu biex jiffirmaw u jissottomettu l-Formola ta' Aggustament a fol. 40 u 41 tal-process[21] u in sostenn ta' dan esebiet in-notamenti taghha dwar dak li rrizultala mill-laqghat li kellha mar-Rikorrent. Dwar il-Formola ta' Aggustament li giet iffirmata mir-Rikorrent u martu, Monica Bonnici Grech irrappurtat lis-superjuri taghha illi *as regards the capital gains, they submitted the deeds of acquisition dated 27.02.1979, and added that they have no more documents to produce as the wife had got rid of all the receipts in connection with this property. At this stage the case was being analysed with my superiors, who immediately stated that this sale could not be treated as capital gains, even though this once was his residence. As he changed the structure of the building, this shows clearly that the taxpayer had the intention to trade this property, thus could not be computed with the time apportionment method. Furthermore the taxpayer claimed an amount of expenses and did not produce any receipts. These include Lm19,781 being wages paid to the person/s who built this project. This amount is quite high considering that the taxpayer is a mason himself; in fact, he admitted that he had built the property himself but stated that he had been helped by other persons. Moreover the amount claimed as wages is not declared under the FSS rules. On getting to know this, the taxpayer and his wife were very angry, stating that they had been guided by a professional as they are not familiar with the tax rules. They looked willing to immediately make the necessary adjustments to settle this tax matter with the IRD. Thus immediately they signed the adjustment forms by increasing the gain declared by Lm41,158 resulted by eliminating the wages that were not under the FSS rules and the amount deducted by the time approtionment.*

---

[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2012.

Minn dan in-notament Monica Bonnici Grech taghti l-impressjoni li ma kien hemm ebda forma ta' pressjoni ezercitata fuq ir-Rikorrent u martu biex jiffirmaw il-Formola ta' Aggustament datata 2 ta' Marzu 2007, anzi tghid li *they looked willing to immediately make the necessary adjustments*. Nonostante dak minnha rappurtat fin-notamenti taghha u c-cahda da parte taghha li kien hemm pressjoni ezercitata fuq ir-Rikorrent u martu biex jiffirmaw il-Formola ta' Aggustament imsemmija, it-Tribunal ma huwiex affattu konvint mill-versjoni tal-fatti kif moghtija Monica Bonnici Grech u huwa iktar propens li jemmen il-versjoni tal-fatti kif moghtija minn XXX.

Jibda' biex jinghad illi t-Tribunal difficilment jemmen li tnejn min-nies li b'ammissjoni tad-Dipartiment stess ma jifmhux fit-taxxa *looked immediately willing to make the necessary adjustments to settle this tax matter with the IRD*, minghajr qabel ma jikkonsultaw ma' l-accountant taghhom specjalment meta d-Dipartiment kien qed jindika zbalji da parte ta' dan l-istess accountant. Ir-reazzjoni logika u mistennija f'tali cirkostanzi – partikolarment meta l-ammont pretiz mid-Dipartiment huwa piuttost ingenti – tkun li bniedem jikkonsulta ma' l-accountant tieghu jew inkella jiehu parir minghand professjonist iehor u imbaghad, jekk it-tezi tad-Dipartment tirrizulta li hija korretta jghaddi biex jaghmel l-aggustamenti mehtiega u necessarji. Reazzjoni differenti u specjalment wahda fejn bhal fil-kaz in ezami dhul dikjarat ta' 0 jigi letteralment b'daqqa ta' pinna da parte ta' persuni li ma jifhmux fit-taxxa aggustat ghal ben Lm55,957 – l-ammont kif kwantifikat mid-Dipartiment tat-Taxxi – necessarjament turi li kien hemm pressjoni ezercitata fuqhom biex "jaccettaw" tali aggustament radikali. Il-fatt li immedjatament wara li iffirmaw il-Formola ta' Aggustament datata 2 ta' Marzu 2007 ir-Rikorrent u martu marru ghand l-accountant taghhom biex ikellmuh dwar dak li kien gara juri bic-car li huma qatt ma setghu kienu daqshekk *willing to make the necessary adjustment to settle this tax matter with the IRD* kif affermat minn Monica Bonnici Grech. Kieku r-Rikorrent u martu verament konxjament u volontarjament ghazlu li jiffirmaw il-Formola ta' Aggustament datata 2 ta' Marzu 2007, huma

kien jhallsu lid-Dipartment dak minnu pretiz u l-kwistjoni kienet tieqaf hemm. Fattur iehor li jwassal lit-Tribunal biex ma jemminx li r-Rikorrent u martu volontarjament iffirmaw il-Formola ta' Aggustament datata 2 ta' Marzu 2007 huwa l-kumment li bih Monica Bonnici Grech ikkonkludiet in-notamenti taghha ghas-superuri taghha: *considering the background and circumstances of this whole case, i.e. the various personal encounters, physiological and human factors, I would like to state that it was not a pleasant case to work on.*

Haga li laqtghet lit-Tribunal fin-notamenti ta' Monica Bonnici Grech huwa n-nuqqas assolut ta' referenza ghat-tieni Formola ta' Aggustament sottomessa mir-Rikorrent, anzi kulma tghid huwa li *ample time has benn given to the taxpayer to give us a reply to our proposals. Since taxpayer had originally adjusted his income to read Lm55,957, no further action need be taken by the department at this stage. Mr. Buhagiar had consulted with CIR and CIR agreed that case be closed*[22]. Dana huwa fattur ulterjuri li jwassal lit-Tribunal biex jemmen illi verament giet ezercitata pressjoni fuq ir-Rikorrent u martu biex jiffirmaw Formola ta' Aggustament li tindika id-dhul tar-Rikorrent minn sengha/negozju tul is-sena 2001 fl-ammont ta' Lm55,957.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg Formoli ta' Aggustament iffirmati mir-Rikorrent u martu ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri u dana billi l-kunsens taghhom ghall-aggustament rifless fihom kien kjarament vizzjat minhabba vjolenza morali ezercitata fuqhom da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persona ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza*

---

22 Sottolinear tat-Tribunal.

*hija indagini li hija mhollija merament fil-prudenza tal-Qorti*[23]*.* Fil-fehma tat-Tribunal ma hemmx dubju li l-agir tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni – tramite l-impjegati tieghu – kif imfisser minn XXX u t-theddida li l-problema taghhom mad-Dipartiment kienet ser tkun ferm iktar, u dana f'termini ta' ammonti minnhom dovuti lid-Dipartment, milli qatt setghu hasbu, jammonta ghal vjolenza morali fil-konfront taghha u ta' zewgha r-Rikorrent u ghalhekk l-agir taghhom xprunat minn tali theddida qatt ma jista' jitqies bhala agir maghmul volontarjament u konsenzjentement da parte taghhom.

Kif già iktar 'l fuq osservat id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jibbaza l-affermazzjoni tieghu li l-qligh li ghamel ir-Rikorrent mill-bejgh ta' proprjetà fl-2001 kien ta' natura kummercjali u mhux ta' natura kapitali fuq il-fatt li r-Rikorrent ittrasferixxa blokk ta' sitt appartamenti u zewg garaxxijiet. F'dan ir-rigward jissottometti li *d-Direttur Generali huwa konvint li meta nxtrat l-art li fuqha nbniet id-dar residenzjali tieghu, l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel negozju minn tali proprjetà. Izda meta huwa waqqa' din id-dar u bena numru ta' appartamenti u garaxxijiet, in-natura tal-proprjetà inbidlet minn dik ta' dar residenzjali ghal impriza jew skema biex isir profitt u ghalhekk tali trasferiment kien taxxabbli ai termini ta' l-artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123. Illi fl-umili fehma tad-Direttur Generali l-appellant baqa' ma gab l-ebda prova li huwa ma setax ibiegh id-dar minhabba c-cirkostanzi li jduru maghha. Seta' facilment kien li l-prezz ta' Lm90,000 (€209,644) li huwa kien qed jitlob ghal din id-dar li zamm milli tinbiegh in kwantu tali prezz kien ammont sostanzjali ghall-perjodu li fih huwa pprova jittrasferixxi d-dar f'Birzebbuga. Illi d-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jikkontendi li l-fatt li l-appellant bena sitt appartamenti u zewg garaxxijiet kbar li skont il-pretensjonijiet tieghu stess kellhom igibu madwar Lm160,000 (€372,700) bejniethom, u cioè Lm70,000 (€163,056) izjed mill-prezz ta' Lm90,000 (€209,644) li kien qed jitlob ghad-dar gewwa Birzebbuga juri l-hsieb ahhari ta' l-appellant kien li jimmassimizza d-dhul tieghu mill-proprjetà li kellu, u din l-affari certament*

[23] Aquilina v. Ganado, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju 1995.

*ma kienetx kaz ta' wiehed li kien sempliciment qed jipprova jbiegh proprjetà biex jehles minnha*. *Illi fl-umili fehma tal-esponent id-decizjoni ta' l-appellant li jibni sitt appartamenti u zewg garaxxijiet minflok ibiegh il-fond bhala art jew minflokha jibni dar ohra, kienet influenzata mill-gharfien tieghu tal-kundizzjonijiet favorevoli ghal bejgh ta' proprjetà mill-intrapriza li kien diehel ghaliha*[24].

Ir-Rikorrent da parte tieghu jikkontendi li l-qligh li huwa ghamel mit-trasferiment tal-proprjetà fl-2001 kien wiehed ta' natura kapitali u mhux ta' natura kummercjali ghaliex *meta persuna takkwista proprjetà jew assi ohra biex taghmel fuqhom xoghol ta' zvilupp jew tibdil halli imbaghad tbieghhom u tisfrutta x-xoghol u l-ispejjez li tkun ghamlet bi profitt, hija tkun qed tagixxi bhala negozjant, anke jekk dak ix-xoghol taghmlu darba wahda biss. Izda, meta persuna li tkun già sid ta' proprjetà kapitali, tiddeciedi li tirrealizza l-valur ta' dik il-proprjetà billi tbieghha, hija tkun qed tagixxi bhala sid ta' proprjetà u mhux bhala negozjant. Il-prezz tal-bejgh ikun ghalhekk dhul ta' natura kapitali anke jekk, biex tbieghha bl-ahjar prezz, dik il-persuna taghmel xoghol u spejjez fuq il-proprjetà. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kazijiet Rand vs The Alberny Land Company Limited u Hudson's Bay Co vs Stevens già citati mill-esponent fir-rikors ta' l-appell tieghu. Kif inghad fuq, ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz juru illi l-operazzjoni tar-rikorrent kienet nieqsa minn kull indizju ta' attività ta' negozju. L-indizji kollha huma ta' bejgh ta' proprjetà da parti tas-sid li kien qed jagixxi bhala sid ta' proprjetà u mhux bhala negozjant. Jigi sottomess ghalhekk illi l-qligh ma kienx attribwibbli ghax-xoghol li sar fuq il-proprjetà imma ghall-valur tal-proprjetà bhala proprjetà immobbli u kien ghalhekk qligh ta' natura kapitali kif debitament riportat mir-rikorrent fil-prospett tat-taxxa tieghu*[25].

Fil-fehma tat-Tribunal il-konkluzjoni raggunta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), dwar in-natura tal-qligh li ghamel ir-

[24] Para. 15 sa' 18 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).
[25] Para. 8 u 9 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

Rikorrent mit-trasferiment tal-proprjetà fl-2001 ma hijiex korretta u dana billi huwa bbaza tali konkluzjoni fuq fattur wiehed biss – u cioè li r-Rikorrent ittrasferixxa blokk ta' sitt appartamenti u zewg garaxxijiet u mhux id-dar residenzjali fl-istat attwali taghha – minghajr ma ha in konsiderazzjoni l-fatturi l-ohra kollha li jikkaretterizzaw il-kaz in ezami. Ad ezempju il-Kummissarju ma hax in konsiderazzjoni, jew ghall-inqas ma tax id-debita importanza lir-raguni ghalfejn ir-Rikorrent ried ibiegh l-ewwel dar residenzjali tieghu, raguni din li tirrizulta bhala veritiera. Lanqas ma ha in konsiderazzjoni jew, mill-gdid, ma tax id-debita importanza lill-istigma li fic-cirkostanzi dik id-dar kienet iggorr maghha, liema stigma bla dubju holoq problemi mhux zghar lir-Rikorrent fil-bejgh ta' dik id-dar u finalment wasslu biex jiehu d-decizjoni li jwaqqa' d-dar u minflok jibni blokk ta' appartamenti u zewg garages biex ikollu opportunità ahjar li jirnexxielu jbiegh il-proprjetà. Iktar importanti minn hekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma hax in konsiderazzjoni il-fatt li – kuntrarjament ghal dak li wiehed jippretendi fil-bejgh ta' appartamenti u garaxxijiet ghal skopijiet ta' negozju – r-Rikorrent biegh il-proprjetà fl-intier taghha lil kompratur wiehed (proprjament zewg kompraturi fi shab bejniethom) ghall-prezz uniku ta' Lm80,000, liema fatt iwassal ghall-konsiderazzjoni ulterjuri li r-Rikorrent kien kuntent jaghmel telf fuq dan it-trasferiment – peress illi skontu l-prezz fuq is-suq ghall-proprjetà in kwistjoni kien prattikament id-doppju ta' dak li ghalih ittrasferixxa l-proprjetà kollha – basta li jehles minnha.

Fil-fehma tat-Tribunal dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien kellhom iwasslu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ghall-konkluzjoni li kif dikjarat mir-Rikorrent fil-Prospett ta' Taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 2002, il-qligh li huwa ghamel mit-trasferiment tal-proprjetà fl-2001 kien wiehed ta' natura kapitali u mhux ta' natura kummercjali.

Din l-osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Bord ta' Kummissarji Specjali, fosthom is-sentenza **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi**

**Interni** deciza fis-17 ta' Jannar 1959[26], fejn gie osservat illi *d-dottrina u l-gurisprudenza Ingliza hija cara ferm fuq dan il-punt. Il-profitt minn xi operazzjoni izolata ma jikkostitwix income imma akkrexximent ta' kapital, purchè dejjem ma tkunx parti mit-trade u ma tkunx saret ghall-fini ta' rivendita bi profitt. L-awturi Hannan & Farnsworth (The Principles of Income Taxation) pagna 14 huma ta' kjarezza kristallina fuq dan il-punt: "What may be described as income from a subjective standpoint is conerned with special circumstances in which it is derived. It is sufficient to take as an example, the sale of a house at a price greater than its cost to the vendor. There is no ordinary concept that this financial gain is income, and generally such a profit is an accretion to the capital. But if the vendor has made a practice of buying and selling houses the net gains from such transactions may well be regarded as income". U aktar 'il quddiem a fol. 154 dwar l-intenzjoni l-istess awturi jghidu: "A person buys a house in a district where values are rising, or company shares which are likely to advance in price, or a racehorse which he expects to become more valuable. If he sells at a profit, the mere fact that he hoped and intended to make it will not transform his acts into the carrying on of a business nor will that fact alone put the brand of income on his profit. There is no authority to say that a profit is not an enhancement of capital unless it is fortuitous". Id-decizjoni klassika in materja hija "Leeming vs. Jones" 1930. A.C. 415. 15 T.C. 333.* fejn inghad *an accretion to capital does not become income merely because the original capital was invested in the hope and expectation that it would rise in value; if it does so rise, this realisation does not make it income*, u s-sentenza fl-ismijiet **A.B. Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fil-11 ta' Awwissu 1980 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Appelli dwar l-Income Tax) b'sentenza pronuncjata fil-21 ta' Jannar 1991, fejn dwar il-kaz in ezami l-Bord osserva li *l-fatti tal-kaz, hawn fuq imsemmija, ma ghandhomx il-karatteristici ta' "trade"; fis-sens li l-appellanti bdiet tbigh il-proprjetà li kellha mhux biex tibda linja ta' negozju gdida, izda biex thallas id-dejn*

---

[26] Kawza Nru.72 – Decisions of the Board of Special Commissioners, pg. 295 sa' 298.

*li kellha. Hawn jidher li kien hemm biss dak li jissejjah "a transmutation of capital" almenu sa' fejn ghandha x'taqsam il-proprjetà akkwistata animo compensandi. Infatti, kif intqal fil-kaz Hudon's Bay Co. v. Stevens (5 T.C. 424): "Where property has not been acquired by purchase, sales are more likely to constitute realizations of capital" u fil-kaz William v. Davis (26 T.C. 371): "and merely realizing it is not trading". Anki, jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-appellanti rrangat il-proprjetà jew hadet mizuri biex iggib prezz ahjar, kif donnu gie ventilat mill-appellat waqt it-trattazzjonijiet tal-kaz, xorta jibqa' li dawn il-mizuri ma jelevawx it-transazzjonijiet ghal trading. Infatti, kif insibu fit-"Taxation, Income Tax Manual" (A.L. Chapman, 14th Ed. p.66): "in accepting that there was no trade of buying and selling land, it was stated that the case (b'referenza ghall-Hudson's case) was no different in substance from the case of landowner minded to sell, or sell from time to time, inherited land for building purposes at a profit; it was equivalent, it was said, in dealing with land as owner. The fact that a landowner lays out part of his estate with roads and sewers for sale in building lots does not constitute a trade, nor the fact that he may have expended money in getting the property up for sale. Rowlatt J. applied the same principle in Rand v. Alberni Land Co (7 T.C. 629), where lands were owned in the ordinary sense (and not acquired with a view to sale) by a number of people who set up a company purely as machinery to realise their their interests in the land. The company expended money in clearing the land and laying roads and even in procuring a railway company to bring the line to open up the area. It was held that this was only a course of enhancing the value of the lands and not of trading. In Alabama Coal, Iron, Land and Colonization Co. Ltd. v. Mylam (11 T.C. 232) the decision as to the company was the other way; but that was because there was an element of buying for sale". Ghalhekk, anki fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet, il-profitti ta' l-appellanti mill-bejgh tal-proprjetà originarjament akkwistata animo compensandi m'humiex derivanti minn "trade, business, profession or vocation", imma huma ta' natura kapitali u kwindi ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5(1)(a) ta' l-Income Tax Act 1948.*

Fid-dawl ta’ dawn il-principji ghalhekk jigi ribadit li l-fatt li r-Rikorrent waqqa’ d-dar residenzjali tieghu u minflok bena blokk ta’ sitt appartamenti u zewg garaxxijiet bl-iskop li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz ikollu opportunità ahjar ibiegh dik il-proprjetà, ma jwassalx biex il-qligh li huwa ghamel minn tali trasferiment jigi ikkunsidrat bhala qligh kummercjali u mhux qligh kapitali.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta’ dak kollu osservat jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent mill-istima mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni [illum Direttur Generali (Taxxi Interni)] ghas-sena ta’ stima 2002 huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ l-appell tar-Rikorrent mill-istima mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) ghas-sena ta’ stima 2002 u konsegwentement jikkancella dik l-istess stima.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------